**79. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali jipproponi:-**

Illi fis-seduta li fiha ssir id-Dikjarazzjoni Finanzjarja għas-sena 2004 (Ordni Permanenti Nru 71(3)(a)), din id-Dikjarazzjoni u x-Xogħol li jista' jkun konness magħha jkunu, jekk meħtieġ, eżenti mill-Ordni Permanenti Nru 9 - ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol; u li d-Dikjarazzjoni tkun ukoll ezenti mill-Ordni Permanenti Nru 49 - limiti ta' żmien għad-diskors; u

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u minkejja riżoluzzjonijiet oħra aprovati mill-Kamra, jekk id-Dikjarazzjoni Finanzjarja ssir il-Ħamis, sew fil-għodu, kif ukoll fil-għaxija, isir biss xogħol tal-Gvern u l-aġġornament ma jitteħidx.

17.11.03